MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru. 179/2005

PULIZIJA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
SAVIOUR CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Saviour Camilleri, ta’ 31 sena, bin Felix u Rita nee’ Galea, imwieled Pieta’ fid-19 t’Ottubru 1973, u residenti Flat 24, Binja San Klement, Gebel San Martin, Zejtun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 464723(M), u akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Frar 2005, f’dawn il-Gzejjer, b’eghmil zieni, ikkorrompa lil *omissis A*, minorenni ta’ *omissis* sena.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fil-21 ta’ Marzu 2005.

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fix-xhieda taghha, il-minuri *omissis A* tispjega illi l-imputat kien ix-xufier tax-xarabank li kienet tehodhom l-iskola. Illi huwa kien xufier gdid, u li wara xi tlett gimghat li kien iwassalhom, hija skambjat in-numru tal-‘mobile’ taghha ma’ ta’ l-imputat, u wara xi jumejn, l-imputat cemplilha l-Hadd filghaxija, u talabha tirkeb mieghu fix-xarabank biex iwasslu xi nies. Dan kien fit-tmienja ta’ filghaxija. Il-minuri kienet irritornat f’xil-hdax ta’ bil-lejl.

Il-minuri tghid li hija kienet qalet lill-genituri taghha illi kienet se tmur ghand habiba taghha biex tara DVD, u li pero’ kienet marret ma’ l-imputat waqt li dan kien fuq xoghlu. Il-minuri tghid illi **‘l-ewwel darba ehe prova jbusni u ghall-ewwel qedtlu le imma mbaghad hallejtu.’** (ara fol 27).

Il-minuri tkompli tghid:

**‘Bdejna niltaqghu…jien ghamilt gimgha kont bil-period u fl-ahhar qisu ghoddhom kien il-granet, ikkalkula u qalli issa xbajt nistenna, qalli ilni nistenna, u dan kont qedtlu le jiena, qedtlu le l-ewwelnett u ma ridtx, u dan u kkonvincieni u kont ghamilt mieghu erba’ darbiet wara xulxin.’**

Aktar ‘l quddiem fix-xhieda taghha, il-minuri tispjega lill-Qorti illi filfatt hija u l-imputat kellhom ‘full sexual intercourse’, u dan erba’ darbiet wara xulxin f’dak il-lejl.

A fol 31, il-minuri tispjega ezattament kif l-imputat baqa’ jinsisti maghha sabiex ikollhom x’jaqsmu flimkien, minkejja li hi, ghal diversi drabi, irrifjutatu, fl-ahhar ikkonvinciha u kellha x’taqsam mieghu. Il-minuri tghid illi hija kienet taf lill-imputat li huwa mizzewweg u li kellu t-

tfal, u li filfatt, l-ewwel darba li l-imputat prova jbusha, hija qaltlu l-kliem **‘ftakar qedtli inti mizzewweg u ghandek it-tfal’.**

Mitluba taghti r-risposta ghal dan, da parti ta’ l-imputat, il-minuri qalet is-segwenti:

**‘Qabad jidhaq’. (ara xhieda a fol 30).**

Il-minuri spjegat fix-xhieda taghha illi ghalkemm hija ltaqghet ma’ l-imputat tlett darbiet ohra, f’dawn l-okkazjonijiet, huma ma kellhomx x’jaqsmu fizikament flimkien.

Mix-xhieda tal-genituri tal-minuri *omissis B* u *omissis C*, jirrizulta li l-genituri ta’ *omissis A* saru jafu bl-abbuz sesswali ghaliex il-minuri ghamlet attentat ta’ suwicidju billi hadet ‘overdose’ ta’ Valium, u kien in segwitu tas-soggorn taghha l-isptar illi l-genituri taghha saru jafu b’dak li kien gara.

*Omissis B* xehed bit-trawma li minnha kienet ghaddiet it-tifla tieghu wara dan l-abbuz, u dan gie mtenni fix-xhieda ta’ *omissis C* wkoll (ara xhieda a fol 36-44).

Di piu’, ir-relazzjoni ta’ Martin Bajada li titfa’ dawl fuq il-messaggi li ntbaghtu lill-imputat u l-minuri, u vice versa, kif ukoll ‘images’ pornografici li l-imputat kien izomm fil-‘mobile’ tieghu.

Illi minn naha tieghu, mix-xhieda ta’ l-imputat kif ukoll dik ta’ martu, jirrizulta illi l-imputat huwa ragel b’hamest itfal, u li l-mara tieghu kienet incinta bil-hames tifel fi stadju avvanzat hafna, meta gara dan il-kaz. L-imputat jishaq illi l-minuri kienet taf illi huwa ragel mizzewweg, mill-bidu nett. Il-mara ta’ l-imputat xehdet illi minkejja kollox, hija kienet lesta tahfer lill-imputat u filfatt huma rrikonciljaw, fl-interess tal-familja numeruza taghhom.

Ikkunsidrat:-

L-imputat jinstab mixli b'korruzzjoni ta' minorenni, ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*'203(1):*
*Kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b'qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru*

*impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi in vista ta' l-ammissjoni pjena ta' l-imputat, din il-Qorti wiznet u ghagnet il-fatti migjuba a konjizzjoni taghha, biex tasal ghall-piena propizja f'dan il-kaz.

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi f'dan il-kaz, inkluz ammissjoni bikrija, il-fedina penali pjuttost nadifa ta' l-imputat, il-fatt illi l-imputat huwa kap ta' familja b'hamest itfal zghar, il-fatt illi martu hafritlu, fost konsiderazzjonijiet ohra.

Din il-Qorti pero', ma giet rinfaccjata b'ebda cirkostanzi specjali u straordinarji li taghmilha possibli ghaliha tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghat-tnaqqis tal-piena stabbilita mill-Ligi, li hija sa massimu ta' tlett snin, ghalkemm din il-Qorti temmen illi l-imputat ma kienx mixli eronjament b'diversi aggravji illi setghu gew migjuba kontra tieghu fl-akkuza.

Illi din il-Qorti tifhem illi dan mhuwiex kaz fejn din il-Qorti f'kuxjenza, tista' tikkunsidra piena alternattiva ghajr dik ta' prigunerija. Dan huwa kaz fejn l-imputat ghamel uzu mill-mistier tieghu ta' xufier tat-tfal ta' l-iskola, iltaqa' mal-minuri msemmija fl-akkuza, biex jissodisfa l-ghan libidinuz tieghu.

Illi di piu', dam jinsisti hafna mal-minuri biex ikollu x'jaqsam sesswalment maghha qabel din ikkapitulat ghaz-zina tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi, u mehuda in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn u disa' xhur prigunerija.

Illi in vista tat-trawma evidentissima tal-minuri ndikata fic-citazzjoni, din il-Qorti tirrakkomanda bil-qawwa lid-Direttur ta' l-Agenzija Appogg, sabiex mill-aktar fis, ikompli jaghti

dik it-terapija estensiva u anke fit-tul li din il-minuri ghandha bzonn biex teghleb l-esperjenza qarsa li minnha ghaddiet.

Ghal dan il-ghan, din il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Agenzija Appogg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------